# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Gimgha 22 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 312/2018/2 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**IB**

**vs**

**KB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' IB, datat 23 ta' Jannar 2019, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi ghalkemm ir-rikorrenti intavolat il-proceduri ta' separazzjoni odjerni recentement, il-partijiet ilhom xhur ghaddejjin minn diversi proceduri, inkluz dawk ta' medjazzjoni u kriminali;*

2. *Illi l-partijiet ormai ilhom jghixu hajja separata de facto ghal xhur shah u fil-fatt m'ghadhomx jabitaw taht l-istess saqaf anke minhabba l-karattru aggressiv tal-konvenut li kien abbusiv ma' martu f'diversi istanzi u anke instab hati mill-Qorti tal-Magistrati;*

3. *Illi ser jirrizulta li l-konvenut ghamel u qed jaghmel hafna dejn ad insaputa tal-attrici u fil-fatt hi ssir taf bl-istess meta javvicinawha xi kredituri tieghu u/jew meta tircievi inkartament gudizzjarju mill-Qorti;*

4. *Illi stante li ormai m'ghad fadal l-ebda possibilita` li l-partijiet jirrikonciljaw, l-esponenti bir-rispett titlob illi ai termini tal-55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;*

5. *Illi t-talba tal-esponenti bl-ebda mod ma tippregudika lill-konvenut, anzi l-esponenti tikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li tista' talvolta taghmel il-parti l-ohra; liema hsieb gie anke kondiviz mill-Qorti tal-Appell fil-kaz Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciz fit-28 ta' Marzu 2014 fost hafna gurisprudenza ohra;*

6. *Illi f'dar-rigward, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:-*

*"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat." (Emfasi Mizjuda);*

7. *Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi jekk it-talba odjerna ma tintlaqax, l-esponenti ser tkun ippregudikata stante li kif diga' inghad u kif ser jigi ppruvat, il-konvenut qed jghabbi l-komunjoni b'dejn unilateralment, liema dejn minkejja li qed isir ad insaputa taghha, jimkombi fuqha wkoll stante li sal-lum, il-partijiet ghadhom regolati bir-regim tas-separazzjoni tal-assi;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-art. 55 tal-Kap 16, kif ukoll*

2. *tordna li l-istess ordni tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex istess ordni tigi debitament registrata minn l-istess direttur.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' KB, datata 4 ta' Lulju 2019, a fol 12 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jichad kategorikament illi l-hajja separata de facto hi konsegwenza ta' xi allegat vjolenti tieghu izda hi l-attrici bl-abbuz psikologiku taghha fuq l-esponenti li mmanipulat is-sitwazzjoni u qeghda konvenjentement tabita ma certu A gewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet fl-adulterju.*

2. *Illi iktar minn hekk, hu ghal kollox invertier l-allegazzjoni illi l-konvenut qieghed jghmel xi dejn minn wara dar l-attrici, anzi hu qieghed biss jittenta jsalva dak li kissret l-attrici wara l-falliment taz-zwieg taghhom.*

3. *Illi l-esponenti jikkontendi li t-talbiet tal-attrici u cioe it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma ghandhiex bl-ebda mod tippregudikalu xi drittijiet reali tieghu.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni savja ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu illi l-istess decizjoni ma tippregudikax id-drittijiet tal-esponenti u kwalunkwe decizjoni fir-rigward tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma tigix applikata b'mod relattiv.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-attrici fit-23 ta' Jannar 2019 sabiex jigi ordnat il-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili.

Permezz ta' risposta datata 4 ta' Lulju 2019, il-konvenut irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti in kwantu l-istess ma tippregudikax id-drittijiet tieghu u li kwalunkwe decizjoni ma tigi applikata b'mod retroattiv.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-sub-inciz (4) tal-istess Artikolu jipprovdi pero s-segwenti:

> ***"Qabel tordna il-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".***

Skont s-sub-inciz (6) tal-istess artikolu, meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konklussiva.

Skond l-**Artikolu 1320 tal-Kap. 16,** fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li z-zewg partijiet mizzewwga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom, kif ukoll, il-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga, sub-inciz (b) u kull beni jew akkwisti bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni jkun sar f'isem parti wahda mill-mizzewgin.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**" [Citaz 139/12RGM] deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Fil-kawza fl-ismijiet "**Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015, il-Qorti rriteniet li, l-parti li kienet qed topponi l-waqfien tal-komunjoni mhux talli ma kienitx ser issofri pregudizzju sproporzjonat, ghall-kuntrarju, il-Qorti rriteniet li l-waqfien tal-komunjoni kien ser ikun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet:-

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien, matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…………t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iggib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi jirrizulta li l-konvenut m'huwiex qieghed jopponi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, basta illi d-decizjoni ma tigix applikata b'mod retroattiv. Il-Qorti tosserva illi filfatt ir-retroattivita ta' sentenza ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti lanqas biss huwa permess mill-ligi, kif jidher mill-Artikolu 55 (3) tal-Kodici Civili illi jipprovdi espressament li "[l]-*ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell…*"

In vista ghalhekk tan-nuqqas ta' opposizzoni da parti tal-konvenut, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-attrici jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikoli 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici ai termini tal-Artikolu 55 (6) tal-Kodici Civili.**

**Spejjes riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**